# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD  Mag.Jur. (Euro. Law)

***<u>Droga 199/00</u>***

***Pulizija***
***Sp. Alfred Mallia***
***vs***
***Domnic Fava***

Illum 24 ta' Settembru 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***<u>Akkuzi</u>***
Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Domnic Fava huma bazati fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali** tar-raza tal- cannabis, kif ukoll **Traffikar** tal-istess droga – *referibbilment ghat-15 ta' Ottubru 1999 u fil-jiem ta' qabel.*.

*<u>Kwadru tal-fatti</u>*
Illi fil-25 ta' Ottubru ghal habta tal.10.45 am.il-pulizija li kienet qed tghamel patrol fl-inhawi ta' Bormla lemhet lill-imputat hiereg minn go karrozza. Il-pulizija ssuspettat hazin, u, wara li segwiet lill-imputat, ghamlet tficcija fuqu bir-rizultat li sabulu blokka tar-raza tal-cannabis go pakkett tas-sigarretti.

***L-imputat***

Illi fi stqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija l-imputat spjega li huwa kien xtara erba bicciet zghar tar-raza tal-cannabis bil-prezz ta' LM30 bl-intenzjoni li jbighhom LM40, u skond hu *'jaqla' lira'*. L-ghadha huwa mar is-suq ta' Bormla bl-intenzjoni li jbighhom, u hin minnhom ra xi zaghzagh li kienu f' karrozza u li kienu waqfu quddiemu, u huwa offrielhom sabiex ibeghlhom ir-raza, izda wara li urihom il-bicciet tal-cannabis dawn ma riedux jixtru.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi mill-kumpless tal-provi rrizultaw fatti li jidhlu fid-definizzjoni ta' **Traffikar** kif kontemplata mill-ligi. F' dan ir-reat jinsab assorbit ir-reat ta' pussess illegali tal-istess droga.

***Piena***

Illi in propositu ghall-piena il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat, u hadet in konsiderazzjoni l-ammont zghir tad-droga involuta, kif ukoll it-tip ta' droga, u hija tal-fehma li ghandha tghati piena bazata fuq il-minimu.

***Decided***

Ghal dawn il-motivi issib lill-imputat hati skond l-akkuzi, u wara li rat ir-regolamenti 4 u 8 tal-GN 292/39 u l-artikoli 8 u 22 (2)(B)(I) tal-Kap.101 tikkundannah ghal piena ta' ***prigunerija ghal zmien sitt xhur u multa ta' mitejn lira maltin (LM200).***

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita a kura tar-Registratur tal-Qorti.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***